**GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.**

Comment [IC1]: Page: 1

**SEDUTA TA' NHAR L-ERBGHA, 12 TA' SETTEMBRU, 2001**

**Numru: 2**

**Avviz Nru: 507/01AE**

Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta estera ta' The Performing Rights Society Limited ta' Londra

vs

Capital Plus Investments Limited

It-Tribunal,

Ra t-talba tas-socjeta attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija u tnejn u erbghin centezmu (Lm25.42) hlas ghal Royalty u Taxxa fuq il-Valur Mizjud fir-rigward tal-istabilliment Isabella's ghall-perjodu mis-6 ta' Frar 2000 sal-5 ta' Frar 2002.

Semgha bil-gurament lir-rapprezentant tas-socjeta attrici tikkonferma li l-ammont pretiz ghadu dovut.

Illi s-socjeta konvenuta debitament notifikata ma deheritx fis-seduta tal-5 ta' Settembru 2001 u lanqas fis-seduta tal-lum, kif ukoll ma pprezentatx risposta.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qieghed jiddecidi billi jilqa' t-talba attrici kif dedotta fl-avviz u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija u tnejn u erbghin

centezmu (Lm25.42), dovuta ghar-ragunijiet premessi, flimkien ma' l-imghax mis-6 ta' Frar 2001.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu mis-socjeta konvenuta skond dak li jiddisponi l-Artikolu 10 tal-Kap. 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**